MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Numru 868/2003

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
ALFRED ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Zahra, ta’ 31 sena, bin Alfred u Elizabeth Frances Craig, imwieled Renju Unit, fit-21 ta’ Awissu 1972 u residenti fil-prezenti ‘Casa Maria’ Flat 3, Triq Anglu Gatt, Mosta. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0060988(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, u cioe fi Misrah Il-Bajja, Bugibba, San Pawl Il-Bahar, nhar it-3 ta’ Settembru 2002 ghal habta tal-00:30hrs, ingurja jew heddet, u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1267 Andrei Cassar u cioe fuq persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. (Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, attakka u ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1267 Andrei Cassar, u cioe kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti. (Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1267 Andrei Cassar li titqies li hija offiza hafifa, u dan kif iccertifika it-tabib Emanuel Xuereb M.D. mic-centru tas-sahha tal-Mosta (Reg. Nru.1826). (Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor. (Artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PC 1267 Andrei Cassar, ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u ma hallihx jew fixklu waqt li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallihx jaghmel dak li b’ligi kien ordnat li jaghmel. (Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, li jikkonsistu fi kliem jew espressjonijiet ta’ dagha. (Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ghamel lil PC 1267 Andrei Cassar b’ingurji jew theddid. (Artikolu 339 (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi huwa akkuzat ukoll talli huwa persuna recidiva, u dan wara li kien gie kkundannat ghal reati b'sentenzi li kienu saru definittivi, u rega ghamel reat iehor. (Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija mitluba, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 1267 Andrei Cassar, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena, applikabbli ghal-reat, torbot lil Alfred Zahra b'obbligazzjoni tieghu ninfsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti. (Artikoli 383, 384, 385 u 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Waqt li nesebixxi c-certifikat tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imsemmi Alfred Zahra nitlob li l-kaz tieghu jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-Atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens ta' l-AG (fol. 3) u dak ta' l-imputat (a fol. 13) sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Ikkonsidrat:

Illi s-Supretendent Neil Harrison a fol.24, esebixxa sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Dok.NH1 u ddentifika lill-imputat bhala l-persuna li ghalija tirreferi s-sentnza ezebita.

Illi s-Supretendent Bartolomeo Mula ezebixxa sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Dok.BM a fol.30 et seq. u saret il-provi ta' l-Identita' ta' l-imputat.

Dr. Elizabeth Xuereb M.D. a fol.35 et seq. xehedet illi hija kienet ezaminat lil PC 1267 Andrei Cassar u sabet illi kien qed isoffri minn tbengil fuq l-irkoppa x-xellugija u girfa fuq il-minkeb fi zmien ta' l-incident, u dawn il-griehi gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. (ara certifikat mediku Dok.B)

Supretendent Nikol Ciappara a fol.39 ezebixxa sentenza datata 11 ta' Dicembru 1998 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Dok.NC u saret ix-xhieda ta' l-Identita'.

Supretendent Peter Paul Zammit ezebixxa Dok.PPZ u Dok.PPZ1 a fol.64, sentenza datata 9 ta' Jannar 1992, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u sentenza ohra a fol.49 u saret ix-xhieda ta' l-Identita' ta' l-imputat.

Illi mix-xhieda ta' Surgent 746 Jeffrey Attard McCarthy a fol.52 et seq. jirrizulta illi waqt illi PC 1267 kien duty fixed point mad-dar tal-Prim Ministru, f'Bugibba, inqala' argument bejn is-sid in-negozju msejjah 'Mirabelle' u nies ohra u ghaldaqtant PC 1267 sejjah ghall-assistenza tal-Pulizija. Ftit mumenti wara, in fatti, PS 746 wasal fuq il-post u rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni. F'xi hin wara, l-imputat, li kien wiehed mill-persuni involut fl-argument precendenti fuq indikat, hebb ghal PC 1267 u tah daqtejn ta' sieq u heddu bil-kliem:

*"Intik seba' daqqiet ta' sikkina, nhanxarlek rasek, n.... lil ommok, xbajt n.... lil martek, pufta bl-uniformi. Bil-power li ghandi nnezzalek l-uniformi."*

PC 1267 ttiehed il-Health Center tal-Mosta fejn Dr. Xuereb iccertifikat li kien qed sofra griehi ta' natura hafifa.

Fix-xhieda tieghu, Supretendent Pio Pisani kkonferma ix-xhieda ta' PS 746 u nforma lil Qorti illi l-argument beda fuq prezz ta' 'ice cream' u li l-argument inizzjalment kien bejn Ronald Debattista' u Coleiro.

PC 1267, Andrei Cassar, a fol.46 et seq. xehed illi huwa kien qieghed ghassa mar-residenza tal-Prim Ministru, Bugibba, u ftit qabel ma spiccat is-'shift' tieghu induna illi kienet inqalghat glieda fil-'Mirabelle Restaurant,' negozju illi huwa sitwat vicin hafna tar-residenza tal-Prim Ministru. PC 1267 ra zewg irgiel ikissru u jfarrku qsari kbar tar-restaurant, waqt li l-impjegati tar-restaurant bdew jistkennu wara cint. PC 1267 xehed illi ntervjena, pero gie mbuttat ma' l-art waqt li l-istess zewg persuni hebbew ghall-impjegati tar-restaurant. PC 1267 xehed illi huwa

kien ghajjat ghall-aktar assistenza tal-Pulizija u li kienu gew membri tad-Drug Squad fuq il-post. PC 1267 ikkonferma li huwa kien gie mghajjar bil-kliem oxxen imsemmi aktar ‘il fuq u nsulentat u kkonferma illi kien l-imputat illi beda jindirizzah b’dan il-mod. Mistoqsi, PC 1267, xehed illi qatt ma kien jaf u qatt ma ltaqa’ ma’ l-imputat qabel dan l-incident. PC 1267 iddikjara wkoll illi apparti l-imputat, huwa gie mghajjar mill-partner ta’ Zahra, illi sahansitra, kienet nezghat iz-zarbun sabiex twaddabulu. PC 1267 stqarr illi meta huwa pprova jrazzan il-partijiet, l-imputat beda jxejjer bl-idejn.

L-imputat ghazel li ma jixhiedx.

Nazzareno Coleiro, in difeza, xehed illi huwa kien Bugibba mal-mara tieghu u zewgt itfal, flimkien ma’ l-imputat u l-partner tieghu, meta ddecidew illi jmorru fil-‘Mirabelle Restaurant’ sabiex jixtru gelat ghat-tfal. Wara ftit minuti, Coleiro xehed illi z-zewgt itfal tieghu rritornaw jibku ghax qalulu li xi mpjegat tar-restaurant beda jghajjat maghhom u kien hawnhekk illi inqala’ l-argument u gie skambjat hafna diskors baxx izda hadd ma kien ghadu ma gie fl-idejn.

F’hin minnhom intervjena l-Pulizija li kien ghassa mar-residenza tal-Prim Ministru u rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni.

Wara xi nofs siegha, Coleiro xehed illi kien gie s-Supretendent Pisani, u ra s-sitwazzjoni kienet ikkalmat addirittura tant li l-partijiet kienu fuq il-post jixorbu.

Coleiro nnega illi xi hadd qabad jew waddab jew kisser il-qsari l-kbar tar-restaurant. Di piu’, Coleiro ma semghax lill-imputat jghajjar jew jinsulenta lil Pulizija, wisq anqas jerfa’ idejh fuqu.

Ikkonsidrat:

Illi mill-fatti fuq esposti, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-verzjoni moghtija mill-Pulizija – referibilment tax-xhieda PC 446 Jeffrey McCarthy u dik ta’ PC 1267, Andrei Cassar hija wahda vivida u preciza dwar incident illi inqalgha fir-restaurant ‘Mirabelle,’ fejn f’radda ta’ salib u fuq hmerija, dan l-argument eskala ghal “free for all” b’ufficjal wiehed, ipprova jikkontjeni u jrazzan diversi nies.

Minkejja l-isforzi tieghu u minkejja l-ordnijiet illi ta u anzi minhabba li huwa ghamel id-dover tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, PS 1267 Andrei Cassar spicca l-mira ta’ l-insulti u kliem oxxen mill-imputat Zahra, kif diga fuq spjegat, apparti li gie aggredit mill-istess imputat meta dan refa idejh fuqu u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa kif iccertifikat Dr. Elizabeth Xuereb a fol.37

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti, wara li gharblet l-imgieba ta’ Coleiro illi kien partecipanti fil-glieda izda li ma kienx aggredixxa l-Pulizija, tifhem illi t-testimonjanza tieghu mihiex kredibbli u certament mihiex ta’ min wiehed iserrah fuqha. In fatti l-Qorti rat ukoll id-diversi twissijiet illi kienet kostretta taghti lill-istess xhud.

Il-Qorti imbaghad rat id-diversi sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni u tqis illi l-akkuza tar-recidiva giet debitament provata mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba’ akkuza, b’assorbiment ai fini ta’ piena tal-hamsa u s-sitt akkuza, ssibu hati tas-seba’ akkuza u wara li rat Artikoli 95, 96, 221, 338(m), Artikolu 49, 50, 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundnna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali rafrettarja ta’ l-imputat li tinkludi tlett kundanni dwar theddid fuq membri tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------